"Hija okkazzjoni sabiħa li qegħdin infakkru l-ħamsa u għoxrin sena minn mindu fuq talba ta' l-istess Omm t'Alla u Ommna, l-Madonna, li nqdiet b'din is-serva ta' Alla, il-qaddejja ta' Alla, Ġuża, ix-xbieha tagħha tiġi hawnhekk esposta. Aħna ma nadurawx lill-Madonna, aħna inqimu lill-Madonna, aħna ma nadurawx lill-qaddisin imma inqimu lill-qaddisin. Aħna naduraw lil Alla, naduraw lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu li hu Iben Alla...

Meta nitkellmu fuq l-imħabba t'Alla lejna, nistgħu niġbru dak kollu li Alla għamel u għadu jagħmel biex jurina l-imħabba kbira tiegħu lejna fil-kliem ta' l-Appostlu Missierna San Pawl meta jgħid li Alla hekk ħabb lid-dinja li bagħat lill-istess Ibnu biex dak illi jemmen fih ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem...

Issa kull meta kien hemm xi kriżi kemm fil-Knisja, kemm anka fid-dinja, 'l hawn u 'l hemm, Alla l-imbierek b'xi mod jew ieħor inqeda bil-qaddisin tiegħu, jew aħjar bil-qaddejja tiegħu sabiex huwa permezz tagħhom ifakkar illi jekk il-bniedem ma jgħix il-vokazzjoni tiegħu, jekk il-bniedem ma jgħix skond ma jridu Alla l-imbierek, ma jkunx jista' jsib il-paċi f'qalbu u ma jistax ikun hemm anka il-paċi qalb il-bnedmin.

Illum qegħdin infakkru l-Ħadd tal-Ħniena Divina illi kien is-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu illi inqeda b'soru umli, soru mingħajr ebda pretenzjoni... u qalilha biex tgħid lilna s-saċerdoti illi nkomplu nsostnu u nfakkru lill-bnedmin kollha kemm hi kbira l-imħabba kollha ħniena ta' Alla l-imbierek lejn il-bnedmin, u kemm hija wkoll kbira il-ħniena tiegħu kollha mħabba.

U dan kienet tgħidu u għixitu wkoll qabilha... Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li kienet ukoll qaddisa ta' umilta' kbira... Hija kienet tgħid, "Jiena nafda f'Alla l-imbierek. Dak li jrid minni huwa jiena nkun irridu wkoll." Pero darba minnhom qalet ukoll Santa Tereża tal-Bambin Ġesù dawn il-kelmiet, "imiss lilna li aħna nfarġġu lill-Mulej xi kultant u mhux ikun hu li dejjem ifarraġna."

Ħuti fi Kristu, qegħdin hawnhekk illejla sabiex infakkru xi ħaġa li saret, li ġrat, imma wara dik il-ġrajja li aħna qegħdin infakkru hemm messaġġ. Hemm messaġġ min-naħa ta' Alla l-imbierek permezz tal-Madonna, u l-Madonna permezz ta' Ġuza, illi aħna rridu niftakru wkoll f'dik li hija l-konsagrazzjoni tagħna lil Alla, lil għaliex aħna qegħdin inqimu lill-Madonna taħt it-titolu li hija riedet "Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni".



Meta nitkellmu fit-teoloġija, jiġifieri fl-istudji tagħna s-saċerdoti fuq dik li hija konsagrazzjoni, aħna nifhmu jew ninterpretaw dak li tkellmu fuqha ħafna drabi l-qaddisin, illi aħna kollna kemm aħna ta' Alla l-imbierek. Ma jistax ikun li l-bniedem ma jkunx kollu kemm hu ta' Alla l-imbierek, il-għaliex dak kollu li għandu fih il-bniedem ġej minn Alla: ibda mill-ħajja li rċieva mingħand Alla l-imbierek u anka l-fatt li Alla l-imbierek ħolqu sabiex jagħrfu u jħobbu f'din id-dinja u wara din id-dinja igawdih għall-eternita'.

Mela l-bniedem irid jgħaddi bilfors minn fuq dan il-binarju, ngħidulu, sabiex huwa jkun jista' jasal għall-quċċata ta' dik li hija l-milja tal-ħajja tagħna bħala bnedmin. Aħna kkonsagrati kollha kemm aħna lil Alla l-imbierek. Il-Madonna għixitha din il-prerogattiva hekk sabiħa li hija kienet kollha kemm hija ta' Alla l-imbierek, ikkonsagrat anka lilha nfisha lil Alla l-imbierek sabiex hija tkun il-qaddejja tiegħu. Huwa kien għażilha proprju għall-missjoni kbira, dik li tkun l-Omm ta' l-Iben Tiegħu magħmul bniedem.

Imma aħna llum qegħdin nikkonċentraw pjuttost fuq l-Omm ta' Alla l-imbierek taħt it-titolu tal-Verġni tal-Konsagrazzjoni sabiex aħna niftakru wkoll illi hawnhekk aħna bħala devoti tal-Madonna irridu wkoll inqimuha taħt dan it-titolu, nagħtuha anka b'xi mod jew ieħor il-kontribut tagħna. U dana nistgħu nagħmluh aħna bix-xhieda li aħna nagħtu ta' kif aħna ngħixu l-vokazzjoni tagħna bħala nsara. Jalla l-Madonna tkompli tgħinna, il-qaddisin protetturi tagħna jkomplu jgħinuna sabiex aħna verament lil Alla l-imbierek inżommuh bħala ċ-ċentru tal-ħajja tagħna u ma nwarrbuħx. Għandna bżonnu lil Alla l-imbierek fil-familji tagħna. Dan li jonqos f'ħafna familji tagħna, dan li jonqos f'ħafna zwiġijiet illi Alla l-imbierek ma jitwarrabx...

Aħna lill-Madonna dejjem insibuha *ad jesum per Maria*, kif kien jgħid il-qaddis li kien tant devot tal-Madonna, San Luigi Marija Grignion de Montfort. Il-Madonna trid twassalna għand binha Ġesù u Ġesù jwassalna għand Alla l-Missier. Ikun imfaħħar Ġesù Kristu."

Mbagħad sar l-att tal-Konsagrazzjoni tal-Familji lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.



## X'inhi l-Konsagrazzjoni?

Fl-ewwel lok inqara dan it-tagħrif:
Kemm-il darba smajtuna ngħidu kemm il-fundatriċi tagħna, Ġuża Mifsud, kienet taħdem sabiex tħejji l-familji biex jagħmlu l-att tal-Konsagrazzjoni. Kienet żelatriċi ta' l-Apostolat tat-Talb u tnejn mill-obbligi li kellha bħala żelatriċi kienu proprju li xxered id-devozzjoni lejn il-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija u li tħabbrek biex il-familji jagħmlu l-konsagrazzjoni tagħhom lil dawn il-Qlub Qaddisa. Bis-saħħa tagħha, aktar minn ħames mitt familja għamlu dan l-att ta' Konsagrazzjoni.

Fil-ktieb "Il-Qalb Divina ta' Ġesù u l-Qalb Imqaddsa ta' Marija" il-mibki Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, jgħid illi: "Il-konsagrazzjoni hija att li bih il-familja nisranija tagħti lilha nfisha lill-Qalb ta' Ġesù, tqiegħed ruħha għas-servizz tiegħu bil-fehema li tgħix biss għalih u twettaq f'kollox ir-rieda mqaddsa tiegħu. Dan ifisser meta ngħidu li bil-konsagrazzjoni l-familja tagħraf lil Kristu bħala Sultan u Sid tagħha u twiegħed li tħallih issaltan fuq il-membri tagħha."

F'parti oħra mill-istess ktieb, iżda b'referenza għall-Konsagrazzjoni lill-Qalb Immakulata ta' Marija, Mons. Cauchi kiteb hekk: "Kif Ġwanni l-Evanġelista fuq il-Kalvarju sema' 'l Ġesù jafdalu 'l Marija bħala ommu u 'd-dixxiplu ħadha għandu', hekk meta nagħmlu din il-konsagrazzjoni, jibda jkollna magħna 'l Marija li tridna, bħal tfal żgħar tagħha, inħobbuha bħala ommna u noqgħodu għall-kelma tagħha."

Waqt l-Angelus tal-15 ta' Settembru 1985, il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II għamel referenza għall-alleanza taż-Żewġt Iqlub: dik ta' l-Iben u ta' l-Omm; ta' l-Omm u l-Iben. Il-Qalb ta' Ġesù li fiha hemm il-milja tad-divinita' u l-Qalb ta' Maria – il-qalb ta' Verġni addolorata – il- qalb ta' Omm Alla.[1]

Imbagħad fid-diskors tiegħu għas-sena tal-Ġublew tas-sena 2000, l-istess Papa kien qal: "kemm individwi, familji, parroċċi u djoċesi ta' kull nazzjon huma mħeġġa biex jikkonsagraw irwieħhom lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb Immakulata

### L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2010 jaħbat il-ħmistax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi dakinhar fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħgarna.



ta' Marija sabiex l-irġiel u n-nisa kollha tal-millenju l-ġdid jiġu mmexxija lejn Dak li huwa 'il-veru dawl li jdawwal lil kull bniedem'. U l-popli kollha jingħaqdu fl-Imħabba u l-Paċi."[2]

Huwa mportanti li nifmhu li l-konsagrazzjoni rridu ngħixuha, ssir parti mill-ħajja tagħna. Inkunu lesti li nqegħdu lilna nfusna taħt il-ħarsien ta' Ġesù u ta' Marija, lesti li ningħataw għall-qadi tagħhom u attenti biex nimitaw virtujiet u biex nikbru fil-qdusija fuq l-eżempju tagħhom. Il-konsagrazzjoni mela hija proponiment jew fehma sħiħa li wieħed iżomm 'il bogħod mid-dnub u jwettaq id-dmirijiet li għandu bħala nisrani kemm fil-ħajja tal-familja, kif ukoll fir-relazzjonijiet mal-bnedmin l-oħra.[3]

Tkun ħaġa tajba li x-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija li tingħata waqt iċ-ċerimonja titpoġġa f'post prominenti fid-dar fejn il-familja nisranija tkun tista' tinġabar u titlob flimkien. Viva Ġesù, Viva Marija."

## Talba tal-Konsagrazzjoni

L-Isqof Micallef imbagħad qara din it-talba li ġiet moghtija n-Nihil Obstat u l-Imprimatur mill-Knisja Maltija fit-28 ta' Jannar 2011:

"Qalb divina ta' Ġesù' u qalb purissima ta' Marija, aħna illum irridu nikkonsagrawlek lilna nfusna u l-familja tagħna. Irridu li tkunu intom is-sidien assoluti tal-familja tagħna.

Qlub imqaddsa ta' Ġesù' u Marija, l-aktar qlub qaddisa u maħbuba tal-Missier Alla, saltnu fuqna u fuq il-familja tagħna bħala familja tagħkom biss. Eħilsu l-familja tagħna mill-ħażen u kull ħsara tax-xitan u tal-bnedmin, ħarsuha u iddefenduha dejjem... il-familja sħiħa u kull membru tagħha.

Imlewna bil-barka u r-risq f'kull għemil tagħna. San Ġużepp ta' qalb l-aktar safja, missier il-Familja Mqaddsa, kun int ukoll il-missier ta' din il-familja bħala l-familja tiegħek kif kienet il-familja ta' Nazaret.

Qlub imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija, żommu magħqudin magħkom lil din il-familja tagħna, biex kif aħna ikkonsagrati lilkom f'din l-art, inkunu ilkoll familja waħda fis-sema, flimkien magħkom għal dejjem ta' dejjem. Ammen."

Aktar tard saret iċ-ċerimonja tal-qanpiena b'riparazzjoni għad-dagħa, inqrat silta mill-Bibbja u ntqalu t-talb lil Ġesù jbati u lil San Ġużepp u San Mikiel.

Fit-tieni parti tal-laqgħa imbagħad intwerew siltiet mid-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni", dokumentarju dwar il-ħajja ta' Ġuża Mifsud, l-allegati deħriet tagħha mill-Madonna, Ġesù u diversi qaddisin kif ukoll l-iżvilupp li saru matul is-snin fil-Girgenti.

Din il-laqgħa ġiet fl-għeluq tagħha bil-barka mill-Isqof Micallef u bil-kant ta' l-innu popolari Fil-Ħlewwa ta' Mejju.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex din il-laqgħa tkun suċċess fosthom lil Isqof Micallef, il-kor immexxi minn Rose Piccinino, dawk li ħadu ħsieb il-dawl, is-sound, il-fjuri, it-tindif u l-armar tal-post fejn niltaqgħu. Fl-aħħar u mhux lanqas nirringrazzja wkoll lil dawk id-devoti kollha li attendew għal din il-laqgħa. Kulħadd telaq kuntent li l-laqgħa fl-okkażżjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju mit-tqegħid tal-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti kienet suċċess.

**Sylvana Spiteri LL.D**

1 www.vatican.va/holy_father/john_paul_ii/angelus/1985/documents/hf_jp-ii_ang_19850915_it.html
2 www.vatican.va/jubilee_2000/magazine/documents/ju_mag_01031997_p-85_en.html
3 Il-Qalb Divina ta' Ġesù u l-Qalb Imqaddsa ta' Marija - E.T. Mons. Nikol G. Cauchi

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**T. Attard minn Birkirkara** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Kellu problema finanzjarja fuq ix-xogħol li ġiet solvuta.

**N. N. minn Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Hija kitbet li xi xhur ilu kellha uġigħ kbir f'saqajha. Inkwetat ħafna għax beżgħet li ma hix ser timxi aktar. Kellha ħafna vini minfuħin. Marret għand it-tabib li qalilha biex ma tinkwetax u biex kemm jista' jkun isserraħ saqajha. Hi talbet ħafna lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud u anka poġġiet is-santa ma' saqajha. Wara jumejn l-uġigħ ma ħassitux aktar.

Din li ġejja mijiex grazzja maqlugħa imma siltiet minn talba lil Ommna Marija. Inwegħdu lil din id-devota u oħrajn bħala it-talb tagħna:

"Għażiża Madonna tal-Girgenti, Illum hawn waħdi f'kamarti, mifnija bid-dwejjaq u solitudini li int biss taf x'inhuma, jew aħjar tifhem dak li ta' kull filgħaxija jiena nħoss. Wara li ngħarbel sew id-dwejjaq tiegħi, dejjem insib li dawn kollha ġejjien mit-tbatija li l-familja tiegħi għaddejja minnhom.

Ħafna drabi nsib lili nnifsi nistaqsi mhux il-għala jiena mdejqa imma nsaqsi għaliex ommi kellha tgħaddi minn din it-tbatija kollha f'ħajjitha... għandna familja maqgħuda, nissapportjaw lil xulxin...

Madonna bħalma nagħmel ta' kull filgħaxija, nitolbok b'idejja miftuħin, jiena lesta li nilqa' d-dwejjaq li nħoss, ma jimpurtax... imma Madonna nitolbok bil-ħniena biex bħalma tagħmel dejjem tgħin lil ommi u l-missieri, imma speċjalment lil ommi għax f'dan il-mument hi l-aktar li għandha bzonn, tħallihiex tbati aktar...

Madonna nemmen li din l-ittra se tkun aktar qrib tiegħek. Aħfirli ta' kull meta niżbalja u nitolbok tkompli tgħinni biex naħbi d-dwejjaq tiegħi. Ma rridx li ommi taħseb jew tinduna li jiena nkun imdejqa minħabba fiha. Għinha biex ma tbatiex aktar. Għinha titbissem.

Grazzi Madonna u nwegħdek li bħalma nagħmel ħafna drabi, nwegħdek li nibqa' niġi nżurek fil-post ikkonsagrat lilek... Grazzi Madonna."



## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Lulju 2011 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Awissu 2011 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 4 ta' Settembru 2011 fis-6.00pm
   Il-Ħadd 18 ta' Settembru 2011 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Ottubru 2011 fil-5.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   **www.ourladyofconsecration.org**



NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI
No. 87 LULJU 2011 JITQASSAM BLA ĦLAS

## IL-ĦAMSA U GĦOXRIN ANNIVERSARJU



Konsagrazzjoni tal-familja tagħna lill-Qalb ta' Ġesu u l-Qalb ta' Marija

Anniversarju sabiħ! Ħamsa u għoxrin sena nfaħħru lil Alla permezz ta' Ommu u Ommna Marija. Proprju l-Ħadd l-1 ta' Mejju 2011 fakkarna l-ħamsa u għoxrin anniversarju mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Wara l-kant ta' "Ismagħha l-Għanja", il-folla mxiet minn ħdejn it-Troll fit-tarf tat-triq il-qadima filwaqt li ġie rreċitat ir-rużarju. Peress li ħabtet ukoll il-festa tal-Ħniena Divina, bl-akbar devozzjoni ntqalet il-kurunella tal-Ħniena Divina

Mal-wasla tad-devoti quddiem l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu lill-Madonna, nqrat it-talba tal-Konsagrazzjoni, u l-Isqof Micallef għamel id-diskors tiegħu għal dakinhar: